# IL-BIBBJA BHALA LETTERATURA

*Ta'* K. SANT

I

NISTHAJJEL lil xi hadd ighidli qatt ma smajna li l-Bibbja hi letteratura; dejjem kien minn ghalina li l-Bibbja hi ktieb t'Alla fejn fiha nsibu t-taghlim religjuż u xi stejjer li ghandhom x'jaqsmu mall-poplu Lhudi u l-Hajja ta' Gesù; il-bqija ma nafux li hemm xi gmiel letterarju kif ghandu jkun hemm f'kull ktieb li jkun jixraqlu l-isem ta' letteratura. Il-Bibbja hi l-ikbar letteratura li d-dinja ghandha u l-iktar wahda li kellha qawwa fuq it-tnissil u t-trawwim taċ-ċiviltà ta' l-Ewropa sew fil-qasam tal-hsieb, kemm fil-qasam ta' l-arti letterarja, biex ma nghidx fl-arti kollha. Dawk kollha li ghandhom l-inqas idea tal-letteratura Ingliża, jafu tajjeb il-post li g h a n d h a fil-letteratura Ingliża l-Authorized Version li l-protestanti ghadhom jinqdew biha sal-lum. U Santu Wistin, il-Professur tar-Rettorika Klassika Latina stqarr: *Meta jiena nkun fhimt lil dawn il-kittieba Mqaddsa jiena nhoss mhux biss li huma l-eghref, iżda wkoll l-ikbar fis-sengha tal-gmiel.* (De Doctrina Christiana VI. 9).

Fuq dan bi hsiebni nitkellem f'din is-sensiela ta' artikoli: naraw ghax il-Bibbja hi letteratura fis-sens tabilhaqq tal-kelma; u naraw x'effett jista' jkollha fuq il-kitba Maltija l-kelma t'Alla migbura u miktuba fiha. Fl-ewwel wiehed naraw in-natura letterarja tal-Bibbja, fit-tieni naraw il-poeżija li fiha, fit-tielet il-proża u fl-ahhar nistudjaw x'effetti jista' jkollha fuq il-kitba Maltja.

Qabel nibdew irrid nghid kelma: Il-Bibbja hi l-kelma ta' Alla, hekk tghallimna l-Knisja u hekk ghandna nemmnu; iżda l-Bibbja hi kelma tal-bnedmin ukoll; il-kelma t'Alla twahhdet mal-kelma tal-bniedem bhalma l-Iben t'Alla sar bniedem: *Verbum caro factum est.* F'dawn l-artikoli se nqisu l-kelma t'Alla, il-Bibbja, bhala kelma tal-bniedem biex naraw il-libsa li hadet fil-mohh u l-kitba tal-Kittieba Mqaddsa mghejjunin mill-Ispirazzjoni divina.

X'nifhmu qabel xejn meta nghidu letteratura? B'din il-kelma nifhmu dik il-gemgha ta' kotba miktuba bis-sengha u

ħsieb li tgħaxxaq u tgħallem; u kif din il-ġemgħa meħuda f'daqqa turina bħal mera l-ħsieb ta' poplu sħiħ, hekk il-kotba meħuda wieħed wieħed juruna l-ħsieb u l-għaqal ta' kittieb wieħed, li jgħażluh minn kittieba oħra fl-istess ġemgħa ta' kotba.

Din id-definizzjoni taqta' barra dik il-kitba kollha li ħsiebha hu iktar li tgħallem milli tqanqal u tgħaxxaq: bħalma ngħidu aħna ktieb tal-matematika jew xjenza li juruna iktar x'jiġri barra minn qalb il-bniedem milli ġewwa fih. Ktieb letterarju min-naħa l-oħra jgħaxxaqna billi jqanqlilna qlubna u jdawlilna moħħna.

Kull poplu, primitiv jew iċċivilizzat, sew fl-imgħoddi, kemm illum, għandu l-letteratura tiegħu: qalb il-popli primitivi fil-għana u rakkonti popolari tagħhom li jgħaddu minn nisel għal nisel bil-fomm u fost il-popli ċċivilizzati fil-kitba tas-sengħa. Sas-seklu l-ieħor konna naħsbu li s-sengħa tal-kitba bdiet fil-Greċja u Ruma; iżda l-lum wara l-istudju tal-Lvant tal-Qedem nafu tajjeb li kien hemm letteraturi għonja u sbieħ sa min nofs it-tielet millenju qabel Kristu fil-Mesopotomaja u l-Eġittu u iktar tard f'Kangħan u fl-Anatolja, letteratura li kixfet għad-dawl tax-xemx l-imgħażqa ta' l-għorrief li sabuha minquxa fil-madum tat-tafal moħmi fil-Mesopotamja u x-xtut ta' Kangħan u fuq il-granit tal-Piramidi u l-Imqades bla qies ta' l-Eġittu. F'nofs it-tieni millennju kien hemm il-letteratura tal-poplu ta' Ugarit, illum Ras Xamra, li minnu tnisslu l-Feniċi. Minn tmiem it-tieni millennju sa tmiem l-ewwel millennju qabel Kristu bdiet, trawmet u warrdet letteratura oħra li kellha tinħass fuq iċ-ċiviltà tad-dinja sa jiemna u tibqa' tinħass sa l-aħħar tad-dinja: il-Bibbja, il-letteratura tal-Lhud.

F'dawn il-letteraturi nsibu l-ħsieb kollu ta' l-Lvant tal-qedem, li minnu ħadu li setgħu l-Griegi u bnewh mal-ħsieb tagħhom. Il-Bibbja twieldet fil-Lvant tal-qedem għalhekk fiha nsibu ħafna milli nsibu fil-letteraturi li semmejna; minnhom il-Lhud ħadu ħafna mill-materjal li nsibu f'kitbiethom. Iżda għalkemm dan il-poplu kien poplu żgħir fil-għadd u fil-medda ta' artu; għalkemm kien poplu li ma ħalla l-ebda statwa jew xogħol ieħor artistiku, insibu li sebaq bil-bosta lill-popli oħra ġirienu u ta' żmienu fil-ħsieb u fl-arti letterarja. Hu ħa minn għandhom, iżda għaġen dan il-materjal b'mod li tah bixra ġdida għal kollox, l-iktar għal dak li hu ħsieb dwar il-ħolqien,

Alla u d-Dinja. Tabilħaqq hawn qiegħed il-kobor tal-ġens Lhudi. Huwa ta lid-dinja l-monoteiżmu li tnissel fi żmien il-Patrijarki, tfarfar fi żmien Mose', hargu l-implikazzjonijiet morali kollha tiegħu fi żmien il-Profeti; fl-aħħar warrad fil-fidi Nisranija fi żmien Kristu. B'hekk naraw li dan il-wirt li aħna wiritna ġej minn għand il-Lhud u dan jurina l-għaqda u r-rabta li l-Ewropa għandha mal-Lvant tal-qedem li minnu ħadet l-ikbar kixfa importanti jiġifieri l-kixfa ta' Alla wieħed li minnu ġej u fih jintemm kollox.

Għal-Lhud kien hemm tliet ħwejjeġ li fihom kien jingħabar kollox: Alla, il-Ħolqien u l-Bniedem. Bejn dawn it-tlieta kien hemm għaqda: Alla li ħalaq kollox ma kienx forza għamja bħalma kienu l-Allat foloz tal-pagani, li ma kinux għajr il-forzi tan-natura ippersonifikata u mogħtija l-ħajja tal-bniedem; huwa kien persuna mimlija għerf, qawwa u qdusija marbut mill-liġi tiegħu nnifsu. Alla kien fil-ħolqien, iżda barra minnu u fuqu, ma kinetx biċċa mill-ħolqien bħalma kienu l-allat foloz ta' ġirienhom. Il-Lhud kellhom l-eqqel mibegħda lejn dawk l-allat foloz li kienu gideb. Alla mis-smewwiet kien jieħu ħsieb il-Ħolqien, u jmexxi kollox.

Il-Lhudi kien iħares lejn il-ħolqien u jitgħaxxaq bih mhux għalih innifsu bħalma ngħidu aħna għamel Shelley meta għanna lill-bilbla jew Keats lir-rożinjol; imma fih kien jara l-mera tal-qawwa, il-kobor u l-ġmiel t'Alla nnifsu. Għall-pagani, in-natura kienet ġemgħa ta' allat, għal-Lhudi n-natura ma kinetx Alla, iżda mera ta' ġmielu, fiha hemm raġġ ta' ġmielu, u sebħu: *Is-smewwiet u l-art huma mimlija b'sebħek*, jistqarru l-anġli fil-viżjoni lill-Profeta Isaija. Fir-ragħad jilmaħ il-qawwa t'Alla li nefaħ f'wiċċ Adam; f'din il-figura jfisser ir-rabta bejn l-eternità t'Alla, u hekk mill-bqija.

Il-Lhudi jħares lejn Alla, iħares lejn il-ħolqien u fl-aħħar iħares lejh innifsu, u jilmaħ il-misteru tal-bniedem. Jintebaħ li f'din il-ħlejqa hemm kobor u qawwa min-naħa, u djufija mill-oħra. Jista' jaħkem il-ħolqien u jgħarfu iżda jħossu dgħajjef quddiemu, jista' jaħkem u jaħseb u għalhekk iħoss ruħu xbiha t'Alla li nefaħ f'wiċċ Adam. f'din il-figura jfisser ir-rabta bejn Alla u l-bniedem li mhux biss tinsab fil-ħbiberija li Alla għandu lejn il-bniedem, iżda fin-natura tiegħu stess. L-allat tal-pagani ma kienx jimpurtahom mill-bnedmin ħlief biex jaqduhom, għalhekk kienu maħluqa, igħidulna l-Mesopotani f'Enuma

Elix, iżda Alla tal-Lhud ma kienx hekk; kien jieħu ħsieb il-bniedem u jmexxih għad-destin li għalih ħalqu; li jaħkem lilu nnifsu u lill-ħolqien. Hekk il-bniedem fil-ħolqien iħoss li qed igħix f'dar missieru.

Il-Lhudi kellu idea ta' l-istorja individwali u soċjali: individwali għaliex kull bniedem għandu jitħabat biex ikun qaddis: *tamim u sadiq*, kienu jgħidu l-Lhud; minn twelidu sa mewtu l-bniedem hu mitluf f'din it-taqbida biex iżomm fuq it-triq it-tajba; dwar il-ħajja pubblika mbagħad il-Lhudi kien jemmen li l-futur tiegħu f'idejn Alla u kollox għad imur għall-aħjar u jerġa' għal żmien Adam u Eva. Mhux li Alla fassal xi ħaġa fissa mill-bidu bħalma kienu jemmnu l-Eġizzjani, imma li Alla qed imexxi l-istorja għall-ħsieb tiegħu u jfixkel kemm ifixkel il-bniedem dan il-ħsieb il-lum jew għada jseħħ, minn dan jiġi li l-istorja universali mhix ħaġ'oħra ħlief ġlieda bejn Alla u l-ħażen tal-bniedem; u din il-ġlieda bejn il-grazzja u l-passjoni tal-bniedem, biex ninqdew bi kliem modern, insibuha mill-ewwel paġna sa l-aħħar waħda tal-Bibbja. F'din it-taqbida, Alla għażel lil-Lhud biex ikunu huma l-armata tiegħu; ma għażilhomx għall-privileġġi, iżda biex iservu; u minnu tnissel il-poplu magħżul il-Ġdid, il-Knisja ta' Kristu.

Din kienet il-filosofija tal-ħajja tal-Lhud: filosofija li qatt ma kienet maħlula mir-reliġjon bħalma kienet fil-Greċja. Għan-nies tal-Lvant tal-Qedem ma kienx hemm firda bejn ħajja u ħsieb reliġjuż, u ħajja u ħsieb profan.

Għalina bħalissa hu ta' siwi li nkunu nafu kif wasal u fisser dawn il-ħsebijiet hekk kbar u għolja, li bħalhom kienu għadhom qatt ma dehru fid-dinja. L-ewwelnett għandna nkunu nafu li l-mod li bih naħsbu aħna u nfissru ħsebijietna għandu bħala bażi tiegħu s-sillogiżmu mfassal minn Aristotli u d-definizzjoni astratta, kiesħa u bierda. Minn ħaġa ċara naslu biex nagħrfu ħaġa mistura. Qabel il-Griegi fil-Lvant, il-bniedem kien jimxi fuq prinċipju u metodi oħra. Għalih il-ħsieb astratt maqtugħ għal kollox mir-realtà soġġettiva ma kienx jeżisti u kien jimxi bl-intuwizzjoni. Kien konkret fil-ħsieb tiegħu u, barra dan, ħsieb għalih innifsu bla ma jasal għall-għamil ma kien jiswa xejn: taħseb biex taħdem u tfisser ħsiebek biex iġġiegħel lil ħaddieħor jaħseb bħalek ħalli hu wkoll jagħmel dak li tridu. Minn dan jiġi li meta l-Orjentali kien jitkellem jew jikteb, ħsiebu kien li jipperswadi biex idawwal il-moħħ, iqanqal

il-ħieda u l-passjoni ta' min jisimgħu jew jaqrah. Intuwizzjoni, nuqqas ta' definizzjoni u sillogiżmu, huma l-bażi tal-ħsieb Orjentali u Lhudi. Għaliex għalkemm il-Lhud ma kinux jaqblu ma' ġirienhom eqdem minnhom fit-twemmin tagħhom, kienu jaqblu magħhom fil-metodi ta' ħsiebhom u t-tfissir tagħhom.

Fittex fil-Bibbja kollha u tara kif ma ssib l-ebda definizzjoni, lanqas fil-Vanġeli stess. Fl-Eżodu Mosè staqsa lil Alla x'igħidilhom meta l-Israelin isaqsuh minn bagħtu. Alla wieġbu: *Jien li Jien. Hekk tgħid lil Ulied Israel, Jahwe: Jien bagħatni.* U Ġesù meta jgħid x'inhu hu nnifsu jgħid: *Jien hu l-ħajja.* Dawn ma humiex definizzjonijiet, iżda xbihat ta' realtà li tinsab fl-oġġett innfisser. Minn dan tiġi ħaġ'oħra importanti għall-istudju ta' l-istil tal-kitba Orjentali: fiha nsibu immaġinazjoni mill-aqwa, simboliżmu, u x-xejra qawwija tal-kittieb li jaħsad lil min jaqrah jew jisimgħu bis-saħħa ta' kuntrasti u ripetizzjoni li għal min ma jintebaħx b'dawn il-bixriet tal-ħsieb Orjentali jitfixkel u jiddejjaq; din hi r-raġuni li ħafna minna mdorrijin bil-letteraturi moderni mibnija fuq il-prinċipji letterarji, Griegi u Rumani, iħossuhom imbiegħda minnhom u barranin għal kollox. Nistgħu wkoll għalhekk nifhmu għaliex fil-kitba Orjentali mhux la kemm taqta' b'sikkina bejn proża u poeżija; din ta' l-aħħar tgħix fuq l-intuwizzjoni tal-ħsieb u ta' l-immaġinazjoni fl-espressjoni u l-proża fuq ir-rażan ta' l-immaġinazzjoni u tal-metodi tal-ħsieb, ħwejjeġ, għidna, li ma tantx issibhom fil-ġenju tal-qedem. Iżda l-proża Orjentali għandha ħaġa li ma għandhiex il-proża tagħna: hi eqreb lejn l-ilsien mitkellem, u, billi qabel ma nkitbet, bosta drabi kienet imxerrda fit-tradizzjoni orali kif se naraw, insibu fiha sempliċità li ġġibilna għira meta naraw kif narratur Orjentali kellu l-ħila jnissel effetti bi ftit għodda, meta aħna jkollna naħlu paġni sħaħ biex niksbuhom. Minn dan li għidna jidher ċar li fil-Bibbja ma nsibux espożizzjoni sistematika tar-Rivelazzjoni bħalma nsibu fil-kotba ta' San Tumas, iżda nsibu mera tal-ħajja reliġjuża tal-poplu t'Alla, u din il-ħajja għandha tgħaddi ġewwa fina.

Il-Kotba Mqaddsa nkitbu bi tliet ilsna: Tnejn Semin u wieħed Grieg, Indoewropew, iżda nistgħu ngħidu bla biża' ta' xejn li l-Grieg li nsibu fil-Bibbja hu f'ruħu Semi u fil-libsa biss Grieg. Għalhekk hu importanti li naraw ftit kliem il-bixriet li jagħżlu l-ilsna Semin mill-oħra. L-ewwelnett kull kelma Semija hi mibnija fuq tliet konsonanti u xi mindaqqiet fuq erbgħa

li ma jitbiddlu qatt: hekk għandha KTB, dawn il-tliet konsonanti jhaddnu fihom l-idea ġenerali tal-*kitba*: żid xi konsonanti jew vokali u jkollok imbagħad in-nom, il-verb, il-partiċipju, aġġettivi u l-bqija, iżda l-idea fondamentali tibqa' hemm. L-Orjentali jaħtaf l-essenza ta' l-oġġett, iktar milli l-idea astratta. Il-bqija għalih huwa sekondarju. Hekk insibu biss innom, l-oġġett, u l-verb l-għamil ta' l-oġġett; ma nsibux għana ta' aġġettivi, ta' partikuli. U mbagħad fil-verb, fil-waqt li hemm għana ta' forom biex infissru ħafna modalitajiet ta' għamil: attiv jew passiv, riflessiv jew transitiv u l-bqija ma nsibux ħlief żewġ tempijiet: *perfett* u *imperfett* li jqisu l-azzjoni mhux għal dak li għandu x'jaqsam ma' żmien, imma jekk l-azzjoni hix mitmuma jew le. Dan kollu hu effett ta' kulma għidna qabel: ilsna Orjentali huma rifless tal-ħsieb Orjentali bħalma ilsna Ewropej huma rifless tal-ħsieb Ewropew. Għalhekk l-istil tal-kitba Semija hu sempliċi għall-aħħar u, għalkemm hu effettiv bil-bosta għan-narrativa u l-poeżija, hu fqir għall-espressjoni tal-ħsieb astratt. Dawn huma l-kwalitajiet ta' l-Ilsien Lhudi u ta' l-Aramajk li hemm fil-Bibbja, u tal-Grieg li nsibu fl-aħħar Kotba tat-Testment il-Qadim u fit-Testment il-Ġdid kollu, li kif rajna għandu bini tista' tgħid kollu kemm hu Semi.

Barra l-istil ta' l-ilsien li bih wieħed ifisser ruħu hemm il-kategoriji letterarji: mhux il-proża jew il-poeżija iżda l-forma li biha wieħed jinqeda biex ifisser dak li għandu f'moħħu u qalbu. Hekk għandna l-letteraturi Ewropej: id-dramma, l-epika, in-novella, il-lirika u l-bqija, fil-Bibbja nsibu wkoll dawn il-kategoriji kif jinsabu fil-letteraturi l-oħra Orjentali ta' l-Eġittu, Mesopotamja u Kangħan. Niltaqgħu ma' kategoriji speċjali: Kosmogonija li titħaddet b'mod figurat mill-ħolqien tad-dinja, l-istorja tal-ġens Lhudi — u hawn Israel li tisboq il-ġnus kollha fil-lirika, fis-Salmi u l-innijiet oħra — legali, ġuridika, fil-Pentatewku, Proverbi, Apokalissi, li ma jinsabx fil-letteratura moderna, l-Omelija, l-Epistularju, u Profeżiji, ħaġa kollha kemm hi ta' Israel, ukoll fost il-popli Orjentali tal-Qedem.

Issa naraw fil-qosor kif tnisslet il-Bibbja. Qabel ma deher il-poplu Lhudi fl-Orjent f'nofs it-tieni millennju madwar is-sena 1500 Q.K. u iktar tard kien hemm diġà l-letteraturi u tradizzjonijiet ta' ġnus eqdem minnhom. Kien hemm diġà l-alfabet u f'kelma waħda kien hemm kollox lest għall-kitba. Iżda f'dawk iż-żminijiet imbiegħda meta ma kienx hemm stamperiji, it-tradiz-

zjoni orali u l-memorja kellhom importanza kbira kif għadna nsibu l-lum qalb il-bedwini tad-deżert. Fil-għaxija għall-beraħ tas-sema mdawra man-nar dawn kienu joqogħdu jisimgħu l-ġrajjiet ta' missirijiethom u hekk nibtet l-ewwel xejra letterarja orali. Fi żmien Mosè nġabru t-tradizzjonijiet orali tal-Patrijarki: Abram, Iżakk, Ġakobb u wliedu, żdiedu magħhom il-Hruġ mill-Eġittu, ir-Rebħa ta' Art Kangħan fi żmien Mosè, Ġożwe u l-Imħallfin. Wara t-twaqqif tal-Monarkija s-slaten kienu jżommu l-annali fl-arkivji tagħhom li minnhom ittieħed it-tagħrif biex inkitbu l-Kotba tas-Slaten u oħrajn. Wara żmien dehru l-Profeti, li kellhom il-vokazzjoni li jżommu l-poplu fuq it-triq tas-sewwa, u nsibu kitbithom imniżżla fil-Kotba tal-Profeti, iktar tard insibu l-ġabra tal-Proverbji, għalkemm din kienet diġà mibdija minn żmien Salamun stess fis-seklu 9 Q.K. imma mitmuma iktar tard — Ktieb il-Għerf, l-Ekkleżjasti u oħrajn. Ma' tul dan iż-żmien tnisslu wkoll is-Salmi, it-talb tal-Lhud. Wara Kristu mbagħad insibu l-Vanġeli, l-Atti ta' l-Appostli, l-Ittri ta' San Pawl u l-Appostli l-oħra. Fl-aħħar l-Apokalissi fi tmiem l-ewwel seklu. Taraw li għandna letteratura li tħaddan mal-1600 sena ta' storja reliġjuża. Min kiteb ma nisgħux ngħidu dejjem, niftakru biss li fl-imgħoddi ma kienx hemm *copyright* u t-tradizzjoni orali kienet timxi id f'id mat-tradizzjoni miktuba u kienu jmissu lil xulxin. Il-Bibbja hi prodott ta' poplu sħiħ: tal-poplu Lhudi u tal-poplu Nisrani. Il-Kittieba ma kinux ħlief għodda f'idejn Alla biex ifissru fi kliemhom ir-ruħ ta' dan il-Poplu magħżul tal-Mulej. Dan hu li jagħti prinċipju wieħed lill-kotba kollha tal-Bibbja, għalkemm insibu divrenzji ta' stil, temperament u mod ta' espressjoni bejn ktieb u ieħor; l-evoluzzjoni tar-Rivelazzjoni u tal-ħajja u formazzjoni reliġjuża tal-Poplu t'Alla hi ċara.

* * *

Dan kollu li għidna fuq fuq fi ftit kliem irridu nżommuħ quddiem għajnejna u napprezzaw u nifhmu sewwa dawn il-kotba prezzjużi bħala għajn ta' tagħlim, twissija u modelli artistiċi mill-aqwa. Jekk hemm ħsibijiet kbar, esperjenza sinċiera u kelma ħierġa mill-qalb bilfors hemm stil għoli u arti mill-aqwa, għaliex kif igħid il-Kardinal Newman: "Beautiful thoughts inspire beautiful styles; style is the image not only of one's subject but also in his mind".